# Il-Kappella tal-Madonna tal-Blat



*Il-Kappella tal-Madonna tal-Blat qiegħda fuq l-irdum li jagħti għall-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummine, il-Qala. Tiġi eżatt bi dritt Għar Għana f'Kemmuna.*
*Nafu wkoll li minħabba li l-Kappella tinsab hekk viċin ta' Kemmuna,meta kien ikun baħar qawwi ħafna u l-qassis ma kienx ikun jista' jitla' Kemmuna biex iqaddes, in-nies ta' Kemmuna kienu jitilgħu Għar Għana u jisimgħu l-quddiesa li ktun qed issir fil-Kappella tal-Blat.*
*Ma nafux eżatt is-sena meta nbniet, pero` wisq probabbli li nbniet bejn 1770 u 1780. Aktarx inbniet minn xi sajjieda bħala wegħda lill-Madonna wara li kienu salvaw mill-għarqa waqt maltempata kbira. Naħsbu dan għax instabet pittura taż-żejt, xogħol fuq l-injam li juri lil Sant'Indrija, patrun tas-Sajjieda jinterċedi ma' l-Immakulata Kunċizzjoni. Fil-preżent din il-pittura tinsab fil-Knisja Arċipretali tal-Qala.*
*Il-faċċata tal-Kappella hija lixxa u fuq il-bieb hemm niċċa bl-istatwa tal-Madonna "Stella Maris" imbierka fil-31 ta' Mejju 1978. Is-saqaf hu forma ta' kartell mibni fuq tlett arkati. Il-biċċa fejn qiegħed l-artal hemm impinġija pittura tal-Madonna tgħaffeġ ras is-serp, b'nofs qamar taħt riġlejha. Din il-pittura fuq tila biż-żejt hi xogħol ta' Rocco Buhagiar (1725 - 1805). Il-festa tal-Madonna tal-Blat tiġi ċċelebrata fit-tieni Ħadd ta' Mejju u taħbat ma' jum l-omm. Issir quddiesa fit-tieni Ħadd ta' kull xahar.*
*Dan l-aħħar kienet inbniet kamra żgħira bħala sagristija. Ġiet irranġata wkoll id-dawra ta' madwar il-kappella. Sar xi xogħol ta' l-injam ġewwa l-Kappella. Sar ukoll artal ġdid li hu maħdum minn xi nies Qalin stess. Il-Kappella hi miżmuma b'għożża kbira mill-poplu tal-Qala.*

***Jason Bonello***

## *Kronaka mill-Kappella tal-Blat*

*miġbura minn PAWLU ATTARD*

**31 ta' Mejju 99**
Saret laqgħa ta' talb minn Fr. Alex Refalo għal grupp ta' rġiel.
**27 ta' Ġunju 99**
Saret laqgħa ta' talb u Quddiesa organizzata minn Charlie Grech. Qaddes Fr Joe Sultana għal grupp ta' inginiera tal-Gozo Channel.
**1 ta' Lulju 99**
Laqgħa ta' talb minn fr Alex Refalo għal grupp ta' ġuvintur.
**7 ta' Lulju 99**
Saret laqgħa ta' talb għal grupp ta' żgħażagħ Għawdxin mill-Arċipriet tal-Qala Dun Karm Refalo.
**11 ta' Lulju 99**
L-Arċipriet tax-Xewkija Dun Karm Mercieca qaddes għal grupp ta' żgħażagħ mix-Xewkija.
**8 ta' Awissu 99**
Saret Quddiesa minn Dun Karm Mercieca Arċipriet tax-Xewkija għaż-żgħażagħ.
**10ta' Awissu 99**
Saret Konċelebrazzjoni minn Dun Karm Hili u Dun Salv Grima għal-Leġjun ta' Marija ta' Għawdex. Saret Festa Kappelli bejn l-20 u t-23 ta' Ottubru.Saret żjara mit-tfal ta' l-iskola ta' l-Għarb, tax-Xewkija u Sannat. Żaru wkoll il-Kappella grupp ta' nies mix-Xagħra flimkien mas-sindku. Grupp ieħor ġie minn San Lawrenz flimkien mas-sindku. Ġew ukoll fil-Kappella grupp ta' Ingliżi.
**23 ta' Ottubru 99**
Kellna wkoll Quddiesa għall-grupp ta' inginiera tal-Gozo Channe l. Qaddes Dun Ġużepp Grech.
**1ta' Jannar2000**
L-ewwel Quddiesa tal-Millenju saret mill-Arċipreit tal-Qala Dun Karm Refalo.
**13 ta' Frar 2000**
Saret laqgħa għal grupp ta' saċerdoti mmexxija mill-Arċidjaknu Dun Ġwann Gauci.
**14 ta' Marzu 2000**
Saret laqgħa ta' talb mill-Mastru tal-Kapuċċini Patri Franco u erba' Brothers.
**15 ta' Marzu 2000**
Saru sagħtejn adorazzjoni minn Patri Franco għal erba' Brothers.
**31 ta' Marzu 2000**
Saret laqgħa ta' talb u Quddiesa għal studenti universitarji mill-Arċipriet ta' Sannat.

